

32006E0518

L 201/36

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

25.7.2006

**POŻIZZJONI KOMUNI TAL-KUNSILL 2006/518/PESK****ta' l-24 ta' Lulju 2006****li timmodifika u ġġedded ċerti miżuri restrittivi imposti kontra l-Liberja**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

- (1) Fl-10 ta' Frar 2004, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2004/137/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Liberja <sup>(1)</sup> sabiex jiġu implementati miżuri restrittivi imposti kontra l-Liberja mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSCR) 1521(2003). Dawn il-miżuri ġew imġedda mill-Pożizzjoni Komuni 2006/31/PESK <sup>(2)</sup>.
- (2) Fid-dawl ta' l-iżviluppi fil-Liberja, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU fit-13 ta' Ġunju 2006 adotta r-Riżoluzzjoni 1683(2006) li tintroduċi eżenzjonijiet ulterjuri għall-miżuri imposti mill-paragrafi 2(a) u (b) ta' l-UNSCR 1521(2003) dwar l-embargo ta' l-armi.
- (3) Fl-20 ta' Ġunju 2006, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU adotta r-Riżoluzzjoni 1689(2006), li ġġedded għal perjodu ulterjuri ta' 6 xhur il-miżuri imposti mill-paragrafu 6 ta' l-UNSCR 1521(2003), dwar il-projbizzjoni ta' impożizzjonijiet mil-Liberja tad-djamanti grezzi.
- (4) Il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU ddeċieda wkoll li ma' jġeddidx il-miżuri imposti mill-paragrafu 10 ta' l-UNSCR 1521(2003), dwar il-projbizzjoni ta' impożizzjonijiet tal-prodotti kollha ta' l-injam li joriġinaw fil-Liberja; madankollu, huwa ddeċieda li jirriveði dik id-deċiżjoni wara perjodu ta' disgħin (90) jum, bil-ħsieb li jerġa jimponi dawk il-miżuri sakemm ma jiġix infurmat f'dak il-perjodu li għet adottata l-leġislazzjoni tal-forestrija proposta mill-Kumitat għall-Montoraġġ tar-Riforma dwar il-Foresti (KMRF).

(5) Il-miżuri imposti mill-Pożizzjoni Komuni 2004/137/PESK u mġedda mill-Pożizzjoni Komuni 2006/31/PESK għandhom għalhekk jiġu modifikati u, fejn applikabbli, jiġu mġedda sabiex jagħtu effett lill-UNSCR 1683(2006) u l-UNSCR 1689(2006).

(6) Hija meħtieġa azzjoni mill-Komunità sabiex jiġu implementati xi wħud minn dawn il-miżuri,

ADOTTA DIN IL-POŻIZZJONI KOMUNI:

*Artikolu 1*

Addizzjonalment għall-eżenzjonijiet mill-applikazzjoni disposti fl-Artikolu 1(2) tal-Pożizzjoni Komuni 2004/137/PESK, il-miżuri imposti skond l-Artikolu 1(1) tal-Pożizzjoni Komuni 2006/31/PESK ma għandhomx japplikaw għal:

- (a) armi u munizzjoni diġà provduti lil membri tas-Servizzi Speċjali tas-Sigurtà (SSS) għal finijiet ta' taħriġ u li jibqgħu fil-kustodju ta' l-SSS għal użu operattiv mingħajr xkiel, sakemm it-trasferiment tagħhom lill-SSS kien ġie approvat minn qabel mill-Kumitat stabbilit mill-paragrafu 21 ta' l-UNSCR 1521(2003) ("il-Kumitat"), u assistenza teknika u finanzjarja relatata ma' tali armi u munizzjoni;
- (b) armi u munizzjoni maħsuba għall-użu mill-membri tal-forzi tal-pulizija u tas-sigurtà tal-Gvern tal-Liberja li ġew kontrollati u mħarrġa mill-bidu tal-Missjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Liberja, sakemm tali provvisti ġew approvati minn qabel mill-Kumitat, fuq talba konġunta mill-Gvern tal-Liberja u mill-Istat esportatur, u assistenza teknika u finanzjarja relatata ma' tali armi u munizzjoni.

*Artikolu 2*

Il-miżuri imposti mill-Artikolu 3 tal-Pożizzjoni Komuni 2004/137/PESK għandhom jiġu applikati għal perjodu ulterjuri ta' sitt xhur sat-22 ta' Diċembru 2006, sakemm il-Kunsill ma jiddeċidix mod ieħor skond kwalunkwe Riżoluzzjoni futura rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU.

<sup>(1)</sup> ĠU L 40, 12.2.2004, p. 35.

<sup>(2)</sup> ĠU L 19, 12.2.2004, p. 38.

*Artikolu 3*

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tibda jkollha effett fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

L-Artikolu 1 għandu japplika b'effett mit-13 ta' Ġunju 2006 u l-Artikolu 2 għandu japplika b'effett mit-23 ta' Ġunju 2006.

*Artikolu 4*

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' Lulju 2006.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
K. RAJAMÄKI

---